# Prezzijiet ta' l-ajru aktar reali





***Minn Ronald Mizzi,***
***Research Analyst,***
***Forum Malta fl-Ewropa***

Dan l-aħħar, il-maġġoranza tal-Parlament Ewropew tat l-appoġġ tagħha għal pjan tal-Kummissjoni Ewropea (KE) li jobbliga lill-kumpaniji ta' l-ajru Ewropej biex meta jirreklamaw il-prezzijiet tal-vjaġġi tagħhom, dawn ikunu jkopru kollox u mhux juru biss prezzijiet baxxi ħafna biex jiġbdu l-attenzjoni tan-nies, imbagħad issib li hemm ħafna taxxi u *charges* oħra moħbija, tant li l-prezz aħħari jkun ħafna ogħla minn dak muri fir-reklam.

Il-KE fil-fatt trid li ssir riforma fir-regolamenti relatati mas-suq ta' l-avjazzjoni, li għandhom 'il fuq minn ħmistax-il sena, sabiex ikun hemm aktar trasparenza fil-prezzijiet murija. Hekk, il-konsumaturi jkunu jistgħu jqabblu aħjar il-prezzijiet offruti mill-kumpaniji ta' l-ajru differenti. Ir-rapport tal-Parlament Ewropew inkiteb mill-MEP Litwanjan Arunas Degutis, fejn qal li l-passiġġieri ta' l-ajru jeħtieġ li jkunu trattati bħall-bqija tal-konsumaturi u għalhekk għandhom id-dritt li jkunu infurmati b'mod ċar u komplet dwar il-prezz li għandhom iħallsu.

Il-kwistjoni hija aktar serja meta l-*booking* isir permezz ta' l-internet speċjalment ma' kumpaniji ta' l-ajru *low-cost* li issa huma popolari ħafna wkoll f'pajjiżna. Dawn il-kumpaniji, ġeneralment jirreklamaw it-titjiriet tagħhom bi prezzijiet baxxi hafna, meta fil-fatt, jekk wieħed iżid it-taxxi u ċ-*charges* relatati, il-prezz reali jkun aktar gholi.

Ħafna qed isostnu li din it-tattika hi waħda qarrieqa u m'għandhiex titħalla aktar. Fil-fatt, grazzi għar-regolamenti l-ġodda li mistennija jidħlu fis-seħħ sa mill-1 ta' Jannar 2008, il-prezzijiet irreklamati mill-kumpaniji ta' l-ajru jridu jinkludu kollox.  Dan ifisser li għandhom ikunu jinkludu kemm l-ispejjez diretti, kif ukoll dawk indiretti, jiġifieri il-prezz li l-passiġġier iħallas lill-kumpanija jew lill-aġent, il-prezz tas-servizz tal-ġarr tal-bagalji, it-taxxi applikabbli, iċ-*charges* relatati, is-soprataxxi, u kwalunkwe żieda oħra li l-kumpanija tkun taf biha meta tagħmel ir-reklamar. Apparti minn hekk, il-prezz muri jrid jagħmilha ċara wkoll jekk jinkludix xi *charges* relatati ma' miżuri ta' sigurtà, sabiex b'hekk il-passiġġieri jkunu jafu preċiż kemm u għal xiex qed iħallsu. F'każ li dan ikun applikabbli, il-kumpanija ta' l-ajru trid turi biċ-ċar li dawk iċ-*charges* partikolari qed imorru verament għall-iskop li għalih qed jintalbu.

Tajjeb ngħidu wkoll li dawn ir-regolamenti ġodda ser jipprojbixxu 'l-kumpaniji ta' l-ajru milli jitolbu prezz differenti għall-istess biljett (l-istess *booking*, l-istess *seat*, l-istess titjira) abbażi ta' fejn ikun joqgħod min qed jixtri.

---

FORUM
MALTA FL-EWROPA

***Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta***
***Telefon: 2590 9101***
***Email: foruminfo@gov.mt***